**Tmexxija u Governanza**

It-tmexxija intraprenditorjali u l-governanza responsabbli huma kruċjali għall-iżvilupp ta' kultura intraprenditorjali u innovattiva fi ħdan Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Għolja. Tali tmexxija tiddefinixxi l-intraprenditorija bħala prijorità strateġika u tieħu prattiki intraprenditorjali u innovattivi minn esperiment ta' darba għal approċċ integrat li huwa essenzjali għal kif l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja twettaq it-tagħlim, ir-riċerka u l-iskambju tal-għarfien.

1. L-intraprenditorija u l-innovazzjoni huma parti ewlenija mill-istrateġija tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja.

2. It-tmexxija tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja turi l-attitudni u l-kompetenzi intraprenditorjali li jixprunaw il-bidla istituzzjonali

3. Hemm struttura/sistema għall-koordinazzjoni u għall-integrazzjoni ta' attivitajiet intraprenditorjali fl-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja kollha biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-aġenda intraprenditorjali istituzzjonali.

4. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tħeġġeġ u tappoġġa l-fakultajiet, id-dipartimenti, l-unitajiet, it-timijiet u l-individwi biex jaġixxu b'mod intraprenditorjali.

5. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja hija xprunatur għall-intraprenditorija u għall-innovazzjoni fl-iżvilupp reġjonali, soċjali, komunitarju u fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.

**Kapaċità Organizzattiva: Nies, Riżorsi, Inċentivi u Ppremjar**

Il-kapaċità organizzattiva ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tixpruna l-kapaċità tagħha li twettaq l-istrateġija intraprenditorjali tagħha. Jekk l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tkun impenjata li twettaq attivitajiet intraprenditorjali biex jappoġġaw l-objettivi strateġiċi tagħha, allura jeħtieġ li jkollha stabbiliti r-riżorsi ewlenin, bħan-nies, il-finanzjament u l-investimenti, il-kompetenza esperta u l-għarfien, u sistemi ta' ppremjar u inċentivi biex isostnu u jkabbru l-kapaċità tagħha għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni.

1. L-intraprenditorija u l-innovazzjoni huma appoġġati mill-kultura istituzzjonali u mill-finanzjament sostenibbli.

2. Il-bini ta' relazzjonijiet u sinerġiji ġodda huwa mħeġġeġ permezz ta' politiki ta' sostenn istituzzjonali.

3. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tinvolvi, tirrekluta u tippromwovi individwi b'attitudnijiet, b'imġiba u b'esperjenza intraprenditorjali.

4. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tinvesti fit-taħriġ u fl-iżvilupp tal-persunal biex tappoġġa l-aġenda intraprenditorjali u innovattiva tagħha.

5. Jingħataw premjijiet, inċentivi u rikonoxximent bil-progressjoni tal-karriera lill-persunal li jappoġġa b'mod attiv l-aġenda intraprenditorjali u innovattiva tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja.

## Tagħlim u Apprendiment Intraprenditorjali

It-tagħlim u l-apprendiment intraprenditorjali jinvolvu l-esplorazzjoni ta' pedagoġiji, ta' prattiki u ta' perkorsi ta' apprendiment flessibbli biex jistimulaw mentalitajiet intraprenditorjali b'mod inklużiv u sostenibbli. Filwaqt li l-idea li jinħoloq negozju ġdid tibqa' għodda pedagoġika b'saħħitha u versatili, l-edukazzjoni intraprenditorjali mhijiex biss l-apprendiment ta' kif idea tista' tinbidel f'negozju sostenibbli. Tikkonċerna wkoll li persuna tkun esposta għal esperjenzi intraprenditorjali u li jinkisbu l-ħiliet u l-kompetenzi għall-iżviluppar ta' mentalità intraprenditorjali u li l-istudenti jiġu mgħammra biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' sfida bħas-sostenibbiltà u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU

1. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tipprovdi opportunitajiet diversi ta' apprendiment formali inkluż l-użu ta' perkorsi ta' apprendiment flessibbli biex jiġu żviluppati mentalitajiet u kompetenzi intraprenditorjali.

2. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tipprovdi firxa wiesa' ta' opportunitajiet u esperjenzi diversi ta' apprendiment informali biex tistimola l-iżvilupp ta' mentalitajiet u kompetenzi intraprenditorjali.

3. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tivvalida u tivvaluta l-eżiti u l-impatti tal-apprendiment intraprenditorjali.

4. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tikkodisinja u tipprovdi kurrikulu ma' partijiet ikkonċernati esterni li jwieġeb għall-isfidi tas-soċjetà.

5. Ir-riżultati tar-riċerka dwar l-intraprenditorija huma integrati f'attivitajiet ta' tagħlim u apprendiment.

## Tħejjija u Appoġġ tal-Intraprendituri

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu jgħinu lill-istudenti, lill-gradwati u lill-persunal biex jikkunsidraw l-opportunità li jibdew negozju bħala għażla ta' karriera. Fil-bidu huwa importanti li l-individwi jingħataw l-għajnuna biex jirriflettu fuq l-objettivi kummerċjali, soċjali, ambjentali u tal-istil ta' ħajja relatati mal-aspirazzjonijiet u mal-intenzjonijiet intraprenditorjali tagħhom. Għal dawk li jiddeċiedu li jipproċedu biex jibdew negozju, jew tip ieħor ta' impriża, tista' mbagħad tiġi offruta assistenza mmirata fil-ġenerazzjoni, fl-evalwazzjoni u f'li tittieħed azzjoni fuq din l-idea, f'li jinbnew il-ħiliet meħtieġa għal intraprenditorija ta' suċċess, u fuq kollox biex jinstabu membri rilevanti għat-tim u jinkiseb aċċess għal finanzjament xieraq u għal networks effettivi. Hija u toffri dan l-appoġġ, l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja għandha idealment taġixxi bħala parti minn ekosistema usa' ta' appoġġ tan-negozju aktar milli topera f'iżolament.

1. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja żżid l-għarfien tal-intraprenditorija u tistimula l-intenzjonijiet intraprenditorjali tal-istudenti, tal-gradwati u tal-persunal li jibdew negozju ġdid jew impriża ġdida

2. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tappoġġa lill-istudenti, lill-gradwati u lill-persunal tagħha huma u jibdew negozju jew impriża ġdida, u fit-tmexxija u t-tkabbir tiegħu/tagħha.'.

3. Jingħataw mentoraġġ u forom oħra ta' żvilupp ta' proġetti personali u intraprenditorjali.

4. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja toffri jew tiffaċilita l-aċċess għall-inkubazzjoni l-aċċellerazzjoni u l-finanzjament tan-negozji.

5. L-isfidi globali huma riflessi fl-inizjattivi intraprenditorjali tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja.

## Trasformazzjoni u Kapaċità Diġitali

Minkejja l-fatt li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja diġà qed jimplimentaw teknoloġiji diġitali, l-użu u l-integrazzjoni tagħhom ivarjaw kemm fost l-istituzzjonijiet kif ukoll fi ħdanhom. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jaħtfu bis-sħiħ l-opportunitajiet li ġġib magħha t-trasformazzjoni diġitali u jikkunsidraw it-teknoloġiji diġitali bħala faċilitatur ewlieni tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija. Il-kapaċità diġitali ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja hija ddefinita bħala l-kapaċità li tintegra, tottimizza u tittrasforma t-teknoloġiji diġitali biex tappoġġa l-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

1. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja trawwem kultura diġitali u timplimenta u timmonitorja strateġija diġitali li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

2. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tinvesti, tiġġestixxi u ttejjeb kontinwament infrastruttura diġitali li tappoġġa l-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

3. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tappoġġa b'mod attiv l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex ittejjeb il-kwalità u l-ekwità fit-tagħlim, fl-apprendiment u fil-valutazzjoni intraprenditorjali.

4. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tuża b'mod attiv riżorsi edukattivi miftuħa, xjenza miftuħa u prattiki tad-data miftuħa biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjoni u żżid l-impatt fuq l-ekosistema intraprenditorjali tagħha.

5. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tagħmel użu sħiħ mill-kapaċità diġitali tagħha biex tippromwovi l-innovazzjoni u l-intraprenditorija sostenibbli u inklużiva.

## Ekosistema u networks intraprenditorjali

Istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja intraprenditorjali u innovattiva tingħaqad b'mod proattiv mal-ekosistema tagħha (maħsuba li tkun firxa ta' atturi interkonnessi li jiġbru flimkien il-ħiliet u r-riżorsi biex isegwu għan komuni) biex twassal benefiċċji soċjali, kulturali u ekonomiċi. Il-kapaċità ta' konnessjoni ma' ekosistemi u networks intraprenditorjali tirrappreżenta katalizzatur importanti għall-innovazzjoni organizzazzjonali fl-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Din tgħin ukoll fl-avvanz tat-tagħlim u tar-riċerka, u tittrasforma l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja f'attur importanti fl-iżvilupp reġjonali u fi kwistjonijiet relatati mal-koeżjoni territorjali.

1. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja toħloq kollaborazzjoni effettiva u ttejjeb is-sinerġiji mal-ekosistema u man-networks intraprenditorjali tagħha.

2. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja hija sieħba attiva fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji lokali u reġjonali intraprenditorjali u ta' innovazzjoni.

3. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja għandha rabtiet qawwija ma' inkubaturi, aċċelleraturi, parks tax-xjenza u inizjattivi esterni oħra li jappoġġaw l-iżvilupp ta' ekosistema intraprenditorjali sostenibbli.

5. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tintegra r-riċerka, l-edukazzjoni u l-iskambju tal-għarfien biex jinbnew komunitajiet reżiljenti.

## L-Istituzzjoni Internazzjonalizzata

Istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja intraprenditorjali sostenibbli tintegra l-element internazzjonali fit-tfassil u fit-twassil tal-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-iskambju tal-għarfien billi tintroduċi mistoqsijiet u approċċi ġodda u modi ta' ħsieb alternattivi. Permezz tal-kunsiderazzjoni tal-isfidi tas-soċjetà internazzjonali, inklużi l-SDGs tan-NU, l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja intraprenditorjali hija mgħammra aħjar ukoll biex tappoġġa l-ekosistema tagħha.

1. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tirrifletti fuq ix-xejriet globali, l-isfidi tas-soċjetà u dawk ekoloġiċi fl-aġenda intraprenditorjali tagħha.

2. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tappoġġa b'mod espliċitu forom inklużivi u sostenibbli ta' mobilità tal-persunal u tal-istudenti tagħha.

3. L-aġenda intraprenditorjali tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tikkontribwixxi għall-koeżjoni globali u soċjali, għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għan-newtralità tal-karbonju tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja.

4. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tinvolvi ruħha f'kooperazzjoni tranżnazzjonali profonda ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Ewropej oħrajn. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tqiegħed il-kooperazzjoni Ewropea fil-qalba tal-istrateġija tagħha u tqisha xprunatur għall-kreattività u l-innovazzjoni

5. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja timpenja ruħha fl-involviment internazzjonali fl-attivitajiet kollha tagħha: fit-tagħlim, fir-riċerka u fl-iskambju tal-għarfien biex jinkiseb impatt fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali.

## L-impatt tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja intraprenditorjali

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja intraprenditorjali u innovattivi jeħtieġ li jifhmu l-impatt tal-bidliet li jġibu. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja intraprenditorjali tgħaqqad l-awtoperċezzjoni istituzzjonali, ir-riflessjoni esterna u l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza. Istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja li timmonitorja l-impatt tal-attivitajiet kollha marbuta mal-aġenda intraprenditorjali u tal-innovazzjoni tiġġenera informazzjoni u data siewja li għandhom jintużaw biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha stess. Il-metrika għandha tinfirex lil hinn mill-ħolqien ta' spin-off, il-volum u l-kwalità tal-ġenerazzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-ġenerazzjoni tal-introjtu mir-riċerka. L-attivitajiet ta' valutazzjoni jiffukaw ukoll fuq l-intraprenditorija tal-gradwati, l-iżvilupp tal-ħiliet u tal-kompetenzi, l-eżiti tat-tagħlim u tal-apprendiment, iż-żamma tat-talent, il-kontribut għall-iżvilupp ekonomiku globali, nazzjonali u lokali jew l-impatt tal-aġenda intraprenditorjali usa' tal-istituzzjoni.

1. L-impatt tal-attivitajiet intraprenditorjali tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja jiġi vvalutat b'mod regolari fl-attivitajiet kollha tagħha.

2. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja tivvaluta l-impatt tal-aġenda intraprenditorjali tagħha b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, narrattivi u għodod ta' valutazzjoni dedikati.

3. L-indikaturi tal-prestazzjoni jippermettu paraguni ma' pari nazzjonali jew internazzjonali oħra.

4. L-apprendiment iġġenerat mill-valutazzjoni tal-impatt jixpruna aktar żvilupp tal-attivitajiet intraprenditorjali u ta' innovazzjoni tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja biex jittejjeb l-impatt futur tagħha.